MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Rikors Numru. 74/1997/2

Anthony u Carmen konjugi Xuereb u b'digriet tat-30 ta' Mejju 2000 Carmen Xuereb tnehhiet mill-okkju tar-rikors
vs
Direttur, Dipartiment tal-Agrikoltura u d-Direttur tax-Xoghol li gie kjamat fir-rikors b'digriet tat-18 ta' Novembru 1998

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fid-9 ta' Frar 1988 huma sofrew ingustizzja lampanti billi r-rikorrent Anthony Xuereb kellu l-kuntratt tal-vettura tieghu li kienet impressed mad-Dipartiment tal-Agrikoltura sezzjoni tal-Biccerija tterminat minghajr gustifikazzjoni u minfloku gie kkuntrattjat haddiehor ta' kulur politiku ben vist mill-amministrazzjoni l-ohra.

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan ir-rikors huma s-segwenti:

(i) Illi l-vettura tieghu giet ingaggjata bhala impressed b'kuntratt mad-Dipartiment tal-Agrikoltura fil-11 ta' Awissu 1986.

(ii) Illi baqa' hekk jahdem sakemm il-kuntratt ma regax gie mgedded fl-10 ta' Frar 1988.

(iii) Illi fil-fatt r-rikorrent issottometta bir-rispett li l-kuntratt tieghu kien gie mgedded ininterrottament ghall-perjodu ta' sena u nofs bi tliet xhur kull darba kif jidher mill-Engagement History mahruga mill-ETC fil-11 ta' Settembru 1997 - Dok "A".

(iv) Illi fid-9 ta' Frar 1988 ir-rikorrent rcieva form DOC 104 mid-Dipartiment tal-Labour and Emigration (Employement Office) li ggeddidlu ghal tliet xhur ohra il-kuntratt tieghu - Dok "B".

(v) Illi minkejja dan ir-rikorrent gie moghti ordni mid-Direttur tal-Agrikoltura (is-Sur Salv Camilleri) biex ma jmurx aktar ghax-xoghol ghax ma kienx ghad hemm bzonn bhala impressed bil-vettura.

(vi) Illi fil-fatt flok ir-rikorrent gew impjegati tlieta ohra impressed bil-vetturi.

(vii) Illi r-rikorrent dejjem qeda dmiru sew kif jidher mic-Certifikat minn Dr. Hall Government Veterinary Officer, Gozo li fahhru ghall-puntwalita' tieghu u ghall-ghajnuna li kien jaghtih billi kien jittraducielu lill-bdiewa l-istruzzjonijiet li kien jaghtihom peress li jaf tajjeb l-Ingliz - Doc "C".

(viii) Illi jidher car li l-vettura tieghu twaqqfet bl-iskop specifiku li tigi ngaggjata vettura ohra bhala impressed li kienet tippartjeni lill-persuna ta' kulur politiku differenti minnu.

(ix) Illi l-ghixien tieghu kien jiddependi minn hemm u sofra 'financial hardship' kbir.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti fil-waqt li rriservaw li jgibu l-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta' dan ir-

rikors talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment taghhom skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji billi jilqa' t-talba taghhom u konsegwentament jinghataw rimedju skond il-ligi kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun xieraq u gust u ghal dan l-iskop r-rikorrent Anthony Xuereb talab li jitpogga fl-istess posizzjoni li kien fid-9 ta' Frar 1988 qabel ma l-vettura tieghu giet imnehhija minn impressed jew alternattivament jekk l-istess rimedju mhuwiex aktar possibli billi jigi ordnat jew li jinghata impjieg ma' l-istess Dipartiment tal-Agrikoltura u/jew li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal u dan taht dawk il-provedimenti u mizuri li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi.

Ra l-lista tax-xhieda flimkien mad-dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tad-Direttur tal-Agrikoltura li eccepixxa:

Illi preliminarjament dan ir-rikors ma ghandu l-ebda effett kontra l-intimat stante illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bl-istess rikors u dan skond kif rikjest mill-artikolu 181(B)(3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrent jaqghu barra mill-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal ***ratione materiae*** stante li l-kuntratt ta' impressed driver mhux previst mill-artikolu 6(1) tal-Att VIII tal-1997.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju dak li qed ilmenta minnu r-rikorrent ma jikkostitwiex wahdu prova illi saret xi distinzjoni indebita fil-konfront tieghu ai termini tal-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997.

Ghaldaqstant l-intimat talab li fl-ewwel lok it-Tribunal joghgbu jiddikjara illi ma ghandux gurisdizzjoni ***ratione materiae*** u fit-tieni lok jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xoghol kjamat in kawza li eccepixxa:

Illi l-intimat mhuwiex il-legittimu kontradittur ghar-rikors bili huwa ma kienx inkarigat mit-terminazzjoni jew mit-tigdid tal-kuntratti tal-vettura “impressed”.

Illi di piu` t-talba li issa qed tigi rivolta kontra l-intimat hija “fuori termine” fit-termini ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 billi l-ilmenti kellhom jitressqu fi zmien sitt xhur.
Illi vetturi impressed huma mikrija ghal perjodu ta’ tlett xhur li jiggedded.

Ir-responsabilita` ghat-tigdid jew terminazzjoni tal-kuntratt tal-kiri huwa tad-Dipartiment li mieghu il-vettura tkun mikrija.

Sid il-vettura hu mistenni li jsuq il-vettura hu stess. L-ingagg ta’ sidien godda bil-vetturi taghhom fuq din is-sistema twaqqaf fl-1995; izda dawk is-sidien li kellhom vetturi gia mikrija nzammu jahdmu bil-vetturi taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi xehed <u>ir-rikorrent</u> li qal fl-1988, is-Sur Salv Camilleri li kien id-Direttur tal-Agrikoltura qallu biex ma jmurx aktar ghax-xoghol ghax ma kellhomx bzonn iktar impressed bil-vettura. Qal li wara mar jirregistra, u eventwalment beda jahdem ta’ bajjad ghal rasu, izda xorta waqaf ghax qabdu attakk ta’ qalb. Wara ghamel xi xoghol fil-Comino Hotel. Qal ukoll li meta kien bil-vettura impressed qal li bhala

paga bazika kien jaqla' Lm290 fix-xahar. Zied ighid li jidher mid-dokument, li l-kuntratt kien gie mgedded ghall-perjodu ta' tlett xhur.

Xehed Marcel Bonnici li qal mir-records tal-E.T.C., irrizulta li r-rikorrent kien qieghed jirregistra u dam jirregistra sa Dicembru 1997. Qal ukoll li records ta' min kellu vettura impressed ma kienx hemm. Qal li r-rikorrent kien irregistra mill-1994 sal-1997 anzi propjament sal-1999.

Xehed Carmel Grech vet-supporting officer mad-Dipartiment tal-Agrikoltura. Qal li fl-1988 kien veterinary officer il-Biccerija u qal li r-rikorrent kien bil-vettura impressed mal-Biccerija. Qatt ma kien hemm rapporti hziena fil-konfront tar-rikorrent, xoghlu dejjem ghamlu sew. Ir-rikorrent kien spicca ghall-habta ta' Marzu u wara kien dahal iehor minfloku certu Joe Cefai. Zied ighid li dan Cefai dam bil-vettura impressed minn Marzu 1988 sa zmien ricenti, meta minn jeddu ma kienx gie aktar.
Xehdet Carmen Xuereb mart ir-rikorrent li qalet li ghandhom tlett itfal u li meta twaqqaf ir-ragel taghha, uliedhom kienu taht l-eta'. Spjegat li l-familja batiet finanzjarjament u li ma setghetx tahdem li minhabba t-tfal zghar u kellhom anki jghixu bir-'relief'. Hi ghamlet referenza wkoll ghal zmien meta r-ragel taghha kien jirregistra, u nghataw il-'grants'. Hu kien inghata 'grant' biex jixtri l-ghodda u jibda jahdem bhala kahhal.

Xehed Mario Caruana rapprezentant tad-Direttur tax-Xoghol li qal li d-Direttur tax-Xoghol ma kienx involut fl-ingagg dirett ta' vettura. Spjega li iktar u iktar id-Dipartiment tax-Xoghol ma kienx involut fit-terminazzjoni jew nuqqas ta' tigdid ta' kuntratt ta' impressed, izda d-decizjoni kien jehodha d-Dipartiment koncernat. Esebixxa lista ta' impressed drivers gewwa Ghawdex sa mid-9 ta' Mejju, 1987.

Xehed Joseph Pisani Transport Officer fil-Ministeru tal-Agrikoltura li pprezenta lista ta' impressed drivers li kien hemm jew ghad hemm mad-Dipartiment tal-Agrikoltura mill-1987 sa Jannar 1995. Spjega li l-kuntratt kien isir ghall-kiri ta' karozza bix-xufier u mhux ghax-xufier biex

isuq il-karozza. Qal li d-Dipartiment ma jimpjegax impressed drivers izda kien jikri impressed cars. Zied ighid li kull kuntratt ta’ impressed hu validu ghal tlettax-il gimgha u anke f’Ghawdex kien hekk. Hu pprezenta wkoll dokument esebit a fol 61 tal-process li juri r-rati tal-hlas ghall-vetturi impressed mill-1987 sa l-1988.

Xehed <u>Anton Hili</u> li kien jahdem id-Dipartiment tax-Xoghol u jiftakar lil Anthony Xuereb kien bl-impressed l-Agrikoltura. Qal li kien ircieva minghand is-Sur Camilleri li m’ghandux bzonn iktar din il-vettura. Zied ighid li hu ma kellux awtorita` jgedded il-kuntratti bil-kitba, kien ried ighidilhom id-Dipartiment biex igeddu.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi l-intimati eccipew preliminarjament li r-rikors promotur ma ghandu l-ebda effett kontra l-intimati stante illi l-Avukat Generali qatt ma kien gie notifikat bl-istess rikors ai termini tad-disposizzjonijiet tal-procedura civili.

Izda din giet sanata u l-Avukat Generali gie notifikat fis-16 ta’ April, 1999. Ghalhekk din l-eccezzjoni taqa’.

Id-Direttur tax-Xoghol kjamat in kawza ecepixxa li t-talba li issa qed tigi rivolta kontra tieghu hija “fuori termine” fit-termini ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 billi l-ilmenti kellhom jitressqu fi zmien sitt xhur.

Fil-kawza fl-ismijiet “Victor Caruana vs Dipartiment tax-Xogholijiet et” deciza mit-Tribunal fl-1 ta’ Novembru, 2000, it-Tribunal qal:

“Dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ Kalaxlokk u cioe’ dwar l-artikolu 9 ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 u t-talba li l-ilment fil-konfront taghha ma jigix ikkunsidrat minn dan it-Tribunal u ghandu jigi michud stante li hija ma gietx notifikata fit-terminu tal-ligi li ghalhekk l-azzjoni in kwantu qed tigi diretta issa fil-konfront tas-socjeta’ Kalaxlokk hija tardiva, irregolari u insostenibbli fil-konfront ta’ l-istess.

Il-kjamat in kawza sostna li n-nuqqas tar-rikorrent li jintavola ilment fil-konfront taghha fiz-zmien preskritt mill-

ligi ma jistax u ma ghandux jigi sanat permezz ta kjamata in kawza wara li ghalaq l-istess zmien. Ta l-ezempju dwar proceduri normali quddiem il-Qrati Civili, jekk attur jezercita l-azzjoni redibitorja kontra konvenut fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur stabbilit mil-ligi u ferm wara l-gheluq tas-sitt xhur jidhirlu illi l-venditur ma kienx il-konvenut izda terza persuna jew li l-konvenut ma kienx l-uniku venditur izda kien hemm ukoll terza persuna ohra ma jistax b'success, jikkjama in kawza tali terza persuna wara d-dekors tas-sitt xhur ghax il-perjodu perentorju jkun skada.

1. L-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, dahal fis-sehh fit-2 ta' Gunju 1997 permezz ta' Avviz Legali 63 ta' l-1997…

L-artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997 jghid:
"M'ghandux jigi accetta ilment taht dan l-Att jekk l-ilment isir wara li jghaddu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att." Skond l-artikolu 7 (1) ta' l-Att "L-ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors…". L-artikolu 1 jsemmi li "l-Att ghandu jidhol fis-sehh f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern". Permezz ta' l-Avviz Legali 63 tal-1997 "il-Prim Ministru stabbilixxa t-2 ta' Gunju, 1997 bhala d-data meta d-disposizzjonijiet kollha ta' l-imsemmi Att ghandhom jidhlu fis-sehh." Dan kollu jwassal li kull minn kellu xi ilment xi jressaq taht il-provvedimenti ta' l-Att VIII tal-1997 kellu jipprezenta r-rikors tieghu sa sitt xhur wara l-bidu fis-sehh ta' l-imsemmi Att u cioe' sat-2 ta' Dicembru, 1997…"

Issa kien fit-13 ta' Novembru, 1998 li r-rikorrent talab il-kjamata fil-kawza liema talba giet milqugha mit-Tribunal fit-18 ta' Novembru, 1998 u cioe' ferm wara it-2 ta' Dicembru, 1997. Li kieku l-kjamat in kawza ma ssollevax din l-eccezzjoni t-Tribunal kien jipprocedi biex jezamina t-talbiet attrici, izda f'dan il-kaz, il-kjamat fil-kawza issolleva din l-eccezzjoni li fil-fehma tat-Tribunal hi gustifikata ghax l-kjamata gie notifikat tardivament. Wiehed jista' jqis li ttiehdu passi kontra s-socjeta' kjamata fil-kawza fit-18 ta' Novembru, 1998 li jekwivali li fil-konfront tal-imsemmi kjamat ir-rikors kien qisu prezentat f'dik id-data li tmur kontra l-artikoli tal-ligi fuq citati.

Jinghad pero’ li l-eccezzjoni hija valida biss fil-konfront tal-kjamata fil-kawza, u mhux fil-kaz ta’ l-intimat l-iehor. Ara wkoll s-sentenza tat-Tribunal fl-ismijiet “Pauline Camilleri vs Direttur Avvjazzjoni Civili et” tat-22 ta’ Gunju 2000 li kien kaz identiku.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza u jilliberah.

Illi l-intimat l-iehor Direttur tal-Agrikoltura eccipixxa li dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza biex jisma' l-ilment tar-rikorrent stante li bhala persuna b'kuntratt ta' ***impressed driver*** ir-relazzjoni tieghu mal-Gvern ma kenitx wahda prevista mill-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997.

Hawnhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tieghu stess “Anthony Mifsud vs Korporazzjoni ghas-Servizz ta` l-Ilma” deciz fis-16 ta’ Frar, 1998, fejn qal:

“Ghalhekk il-kompetenza tat-Tribunal hija
[a] dwar ilmenti miktuba minn persuni li jallegaw li garrbu ingustizzja
[b] li l-ingustizzja trid tkun b’konsegwenza ta’ xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta’ xi inkapacita’ jew restrizzjoni li kellha ggarrab [in consequence of undue distinction, exclusion or preference which has been made or given to his prejudice, or of any disability or restriction to which he has been subjected]
[c] b’xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar dak imsemmi aktar l-isfel.

Issa l-lista elenkata fil-paragrafi 6 (1) (a) (b) (c) (d) hija ezawrjenti b’mod li bilfors il-kwistjoni trid tirriferi ghal hatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, dhul fl-impieg, licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi u dan ad eskluzjoni ta’ xi azzjonijiet simili jew ftit differenti? Hu necessarju li l-kazijiet jaqghu precizament f’dawn it-termini, jew il-ligislatur ried jinkludi kazi ohra li huma ta’ l-istess natura? Ghandhom jigu kunsidrati ingustizzji ohra li pero’ ma humiex strettament hatra, promozzjoni, jew trasferiment,

izda possibilment xi ingustizzja ohra mhux specifikament imsemmija izda li hi ta' l-istess natura?
Jekk hi nkluza promozzjoni certament li tidhol promozzjoni b'data differenti [anticipata jew posticipata]; kif ukoll hija nkluza "demotion". Jekk gie nkluz trasferiment [minn Dipartiment ghal iehor, jew sezzjoni ghal ohra] ghaliex m'ghandiex tigi nkluza rizenja sfurzata mic-cirkostanzi! Jidher li l-ispirtu tal-ligi kien li tkopri l-ingustizzji kif elenkati izda mhux li tinghata interpretazzjoni ferm restrittiva b'mod li jigi stultifikat l-iskop tal-ligi specjali li saret.

Dan it-Tribunal ihoss li hu ferm difficli li "a priori" jaghmel regoli precizi ta' dawk l-azzjonijiet kollha li jaqghu fil-kompetenza tieghu u liema le. Hu necessarju li f'kull kaz fejn ma huwiex specifikament imsemmi mill-istess ligi li t-Tribunal jezamina jekk il-kaz jinkwadrax.

Ikkunsidra li l-Korporazzjoni intimata qedgha ssostni li l-karozzi huma impressed u mhux id-driver, li dawk id-drivers ihallsu l-bolla tan-National Insurance tas-"self-employed" u jhallsuha huma kollha, la ghandhom leave u lanqas sick leave. Dawn fil-fehma tal-Korporazzjoni jeskludu lil min hu bhar-rikorrent milli jaqa' taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Pero` hu ta' min isemmi li ghalkemm ix-xhud tal-Korporazzjoni semma li l-karozza hi impressed u mhux ix-xufier, hemm il-kundizzjoni li l-vettura "must be owner driven" b'mod li l-ftehim ghalhekk qieghed isir mhux ghall-uzu esklusiv tal-karozza izda bhala kundizzjoni fundamentali li ma' l-uzu tal-karozza irid ikun hemm ukoll is-sewqan mis-sid. Ghalhekk, ghalkemm strettament dan ix-xoghol ma jinkwadrax ruhu f'impieg b'mod li l-bolla tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali tithallas ta' self-emplyed, u li l-Manager tal-Personnel ma jkollux x'jaqsam maghhom direttament, xorta wahda ghall-iskop ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghandu jitqies bhala "dhul fl-impieg". Jekk saret ingustizzja relattiva ghal impressed driver din ma tesorbitax mill-kompetenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji."

Fl-ahhar id-Direttur tal-Agrikoltura eccepixxa li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ebda distinzjoni indebita ma kienet saret mar-rikorrent.

Issa irrizulta li
✓ r-rikorrent kien jahdem mad-Dipartiment tal-Agrikoltura bil-karozza impressed;
✓ li hu dejjem gab ruhu sewwa u ta servizz tajjeb;
✓ li l-vettura kienet f'kundizzjoni tajba;
✓ li ma kienx hemm ilmenti kontra r-rikorrent;
✓ li l-kuntratt tal-impressed ma giex renovat favur ir-rikorrent bla raguni valida;
✓ li gie moghti kuntratt ta' impressed mill-intimat lil terzi persuni – ara Dok JP1 a fol 58 esibit minn Joseph Pisani Transport Officer fil-Ministeru tal-Agrikoltura fuq liema Dokument hemm imnizzel "replaced by car T-4241 driven by Joseph Cefai…

Dan kollu ovvjament jammonta ghal ingustizzja kif definita fil-ligi. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat. Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000] favur ir-rikorrent.

Spejjez kontra l-intimat Direttur tal-Agrikoltura.

--------------------------------TMIEM--------------------------------